# Santa Katarina ta' Lixandra f'Ħaż-Żebbuġ

Kitba ta' Tony Terribile

**Introduzzjoni**

M'huwiex żgħir il-kult lejn Santa Katarina ta' Lixandra fil-Knisja Parrokkjali ta' San Filep t'Aġġira f'Ħaż-Żebbuġ. Mhux biss insibu altar iddedikat lilha, iżda nsibuha wkoll preżenti ma' qaddisin oħra f'żewġ altari oħra f'dak tal-Karità u f'dak taċ-Ċintura. Kwadru sabiħ antik taż-Żwieġ Mistiku tal-Qaddisa nsibuh fis-Sagristija u xbieha sabiħa tal-qaddisa nsibuha mmartellata fuq wieħed mill-messalli sbieħ tal-fidda. Minbarra l-Knisja Parrokkjali nsibu lil Santa Katarina fil-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja. Iktar dettalji jagħtihomlna s-Sur Tony Terribile studjuż magħruf ta' l-istorja ta' Malta.



L-Altar ta' Santa Katarina

Qrib il-festa ta' Santa Katarina tas-sena l-oħra, kont qiegħed inħejji l-aħħar preparamenti għall-ħames volum tas-sensiela 'Teżori fil-Knejjes Maltin'. Dan il-volum jiġbor fih il-Knejjes Parrokkjali u filjali taż-żewġ irħula Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi. Waqt li kont qiegħed nagħmel dan ix-xogħol bqajt milqut kemm mill-imgħoddi, kien qawwi l-kult ta' Santa Katarina f'Ħaż-Żebbuġ.

Meta inqablu ġrajjiet art twelidna, nindunaw li meta fl-1575, il-visitatur appostoliku Monsinjur Pietro Duzina, żar Malta u Għawdex sab fihom 'l fuq minn erba' mitt knisja. Fost dawn, 168 kienu ddedikati lill-Madonna taħt titli diversi u wara nsibu li fost il-qaddisin li kellhom numru ta' knejjes ddedikati lilhom, kien hemm Santa Katarina ta' Lixandra. F'ġieħ din il-qaddisa kien hemm diġa 14-il knisja. Dawn kienu l-aqwa xhieda kemm il-kult lejn din il-qaddisa kien diġà imxerred sewwa f'dawn il-gżejjer. Ma' dawn insemmi għadd ieħor ta' altari laterali. Fost dawn l-14-il knisja, tnejn minnhom, dawk taż-Żejtun u ż-Żurrieq kienu Parroċċi. Il-Kavallieri ta' San Ġwann li saltnu fuq Malta bejn l-1530 u l-1798, komplew żiedu l-kult lejn din il-qaddisa. Illum barra l-Parroċċi li semmejna, insibu għaxar knejjes iddedikati lil Santa Katarina. Dawn jinsabu f'Birkirkara (magħrufa wkoll bħala ta' Sant Antnin), fil-Gudja, f'Ħal Għargħur, u oħra fiż-Żejtun.

F'Ħaż-Żebbuġ ma nsibu ebda knisja ta' Santa Katarina, iżda altar fil-kappellun ta' l-Erwieħ iddedikat lil din il-qaddisa. Il-bidu ta dan l-altar nistgħu ngħidu li jmur lura sew, kemm hu hekk meta fl-1575 Monsinjur Pietro Duzina żar il-



L-Altar tal-Karità

knisja l-qadima ta' dan ir-raħal, sab li f'din il-knisja kien hemm 12-il artal laterali. Fost dawn kien hemm dak ta' l-Assunta flimkien mal-Qaddisa Katarina.

Dan l-altar kien twaqqaf bil-ġenerożità tan-nies tar-raħal u l-aktar bl-għajnuna li kienu taw Damjan, Feliċ u Duminku Muscat. Il-festa tal-qaddisa kienet tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-Għasar u b'quddiesa kantata. Meta mbagħad fis-seklu sbatax-il knisja bdiet tieħu d-dehra sabiħa li għandha llum, twaqqaf l-altar preżenti. Maż-żmien mad-dawra tiegħu saret l-iskultura li għadna ingawdu sa'llum. Din għandha stil Barokk mill-aqwa, u ħadimha żgur imgħallem tas-sengħa. Din il-bicca xogħol kienet saret bi spejjeż il-prokura ta' l-Agunija u kif ukoll tal-qassis Dun Ġustu Sammut. Nosservaw li fuq il-kwadru hemm id-dehra ta' l-Ispirtu s-Santu imdawwar bir-raġġi u bl-isħab filwaqt li fin-nofs tal-kwadru hemm anġlu żgħir iżomm kuruna f'idu u taħtu hemm kitba Latina "*Veni Sponsa, accipe coronam*". Aktar l-isfel jidhru żewġ anġli kbar u tnejn oħra jidhru fil-parti ta' taħt il-kwadru u bejnithom hemm żewġ medaljuni skulturati. F'wieħed minnhom naraw il-martirju tal-qaddisa u fl-ieħor naraw il-qaddisa flimkien ma' San Ġorġ. Tabilħaqq li dan l-altar, bix-xogħol sabiħ li fih hu fost l-isbaħ artali laterali li nsibu fil-knejjes tagħna. Il-kwadru hu mill-isbaħ, iżda oriġinaljament dan il-kwadru kien magħruf bħala ta' Santa Barbara. Kien bis-saħħa tal-pittur Lazzaro Pisani li dan il-kwadru inbidel u sar ta' Santa Katarina. Kemm hu hekk meta wieħed jifli sew ir-rota tal-qaddisa, jinduna li fiha xogħol kompletament differenti mil-bqija tal-kwadru. Dan il-kwadru hekk sabiħ ħa il-post ta' kwadru eqdem li illum jinsab fis-sagristija tal-lemin. F'dan il-kwadru naraw iż-żwieġ mistiku tal-qaddisa imdawra b'għadd ta' anġli. Fuq dan il-kwadru kien ikkumenta l-isqof Alpheran de Bussan fil-vista pastorali tal-1747.

Lil Santa Katarina narawha impittra fi kwadru ieħor f'din l-istess knisja. Din tinsab fil-kwadru tal-Madonna tal-Karita. Santa Katarina tidher fir-rokna tal-lemin. Ħdejha naraw ir-rota filwaqt li f'idejha għandha il-palma, simbolu tal-martitju. Dan hu kwadru sabiħ impitter minn Ġannikol Buhagiar. Fil-knisja filjali tal-Madonna tal-Grazzja, li tinsab ftit il-bogħod mill-paroċċa niltaqgħu ukoll max-xbieha ta' Santa Katarina fil-kwadru titulari ta' din il-knisja. Fil-parti t'isfel ta'din il-pittura naraw lil San Mikiel u lil San Martin, filwaqt li fin-nofs tal-parti ta fuq tidher il-madonna bil-bambin. Fuq in-naħa tax-xellug hemm San Karlu Borromeo filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm Santa Katarina. Dawn iż-żewg qaddisin mhumiex b'kumbinazzjoni iżda qegħdin ifakkru lil Carlo u Caterina li kienu benefatturi kbar ta' din il-knisja u l-aktar ta dan il-kwadru sabiħ.

Dawn it-tifkiriet li rajna huma xhieda ohra tal-qedem tal-kult ta' Santa Katerina f'wieħed mill-akbar irħula tagħna, jigifieri Ħaż-Żebbuġ.